**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Jannar 2016* *Nru: 392*

Dan ix-xahar il-parroċċa tagħna tagħlaq 45 sena. Kull anniversarju jġib miegħu ferħ u tama għaliex, filwaqt li niftakru minn fejn bdejna u l-ġid kollu li rċevejna fis-snin li għaddew, nintebħu li ladarba qed niċċelebraw anniversarju dak li nbeda għadu għaddej sal-lum.

Aħna u nfakkru t-twaqqif tal-parroċċa ta' Burmarrad irridu niskopru kif il-Mulej jixtieqna nżommu l-komunità nisranija tagħna ħajja.




Alla jrid li nidħlu f'relazzjoni personali u intima miegħu imma żgur li dan ma jixtieqx li nagħmluh weħidna f'solitudni. Hu stess jagħti mħabba li hija minnha nfisha komunitarja għaliex ġejja minn Alla-Trinità li huwa komunjoni intima ta' mħabba.

Il-ħeġġa tal-ħajja tagħna bħala parroċċa trid tkun ħeġġa għall-imħabba ta' xulxin; l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla li jsalvani trid tissarraf f'għotja ta' mħabba lil ħuti. Kemm jien lest li nħobb lill-oħrajn bl-istess imħabba li biha Alla ħabb lili? Kemm qed nuri mal-oħrajn il-ħniena li Alla juri miegħi fid-dgħufija tiegħi?

Iċ-ċelebrazzjonijiet li sa jkollna fil-parroċċa f'dan ix-xahar għandhom inisslu fina lkoll impenn biex il-ħajja nisranija ssir espressjoni konkreta tal-fatt li aħna wlied Alla u aħwa f'Ġesù.

*P.Christian Anthony Borg OFM Conv.*
*Amministratur Parrokkjali*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Assemblea Parrokkjali

Fil-Bidu ta' kull sena l-Knisja ssejħilna biex nieqfu, nifhmu, nippjanaw u nipprogrammaw il-mixja nisranija tal-Parroċċa tagħna. Dan ma jfissirx li ma nħallux lill-Ispirtu s-Santu jmexxina hu, imma li nieqfu biex nisimgħuh flimkien u nħalluh jissuġġerilna r-Rieda ta' Alla għalina bħala komunità.

Frott tal-Assemblea Parrokkjali jkollna l-Pjan Pastorali li jiggwidana tul is-sena.

Għalhekk nistednukom tkunu magħna **nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016** filgħaxija **fiċ-Ċentru Parrokkjali.** Minbarra l-Operaturi Pastorali u l-Membri tal-Gruppi tal-Parroċċa kollha huwa importanti wkoll li jkun hemm il-ġenituri tat-tfal li jattendu għall-katekeżi fiċ-Ċentru jew fil-MUSEUM u dawk li wliedhom huma Abbatini, fil-Kor jew fil-grupp taż-żgħażagħ. Il-preżenza ta' kull wieħed u waħda minnkom tgħin biex ikollna diskussjoni sinċiera u li tħalli l-frott.

PROGRAMM TAL-ASSEMBLEA:
8 TA' JANNAR 2016
FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

| | |
|---|---|
| 6.15pm | Quddiesa u Għasar |
| 7.00pm | Introduzzjoni |
| 7.15pm | Waqfa għall-Kafè |
| 7.30pm | Diskussjoni<br>Proposti għall-Pjan Pastorali |
| 8.30pm | Jitħabbru l-Kummissjonijiet u<br>l-Kunsill Pastorali Parrokkjali |
| 8.45pm | Talba ta' Għeluq |

## Kappillan f'raħal żgħir

Kien id-9 ta' Frar 1818, meta tfajjel ragħaj iltaqa' ma' qassis żagħżugħ miexi jimbotta karretta. Il-qassis kien mitluf u saqsa lit-tfajjel kemm kien fadallu jimxi biex jasal fil-villaġġ ta' Ars. It-tfajjel urieh raħal fil-bogħod. "Kemm hu żgħir", gedwed waħdu l-qassis. Imbagħad niżel għarkobbtejh fuq l-art kiesħa u dam ħafna jitlob, b'għajnejh iffissati fuq id-djar ta' dak ir-raħal. Baqgħu mexjin, u hekk kif waslu quddiem il-knisja fqajra, il-qassis qal lit-tfajjel: "Grazzi talli urejtni t-triq lejn Ars... jien se nurik it-triq lejn il-Ġenna." F'dik id-dalma tal-lejl xitwi, il-200 ruħ li kienu joqogħdu Ars qajla kellhom ħjiel li kienu qegħdin jilqgħu fosthom lill-kappillan il-ġdid, Dun Ġwann Marija Vianney, qaddis kbir u Patrun tal-Kappillani.

Fl-ewwel quddiesa tiegħu fir-raħal, qaddes lil knisja vojta. Ftit ftit, bdew ġejjin, imqanqlin mill-kurżità biex jarawh. Dejjem sabuh għarkubbtejh jitlob quddiem it-tabernaklu, iħares fiss donnu lejn xi Ħadd. Dun Ġwann Marija Vianney kien ħares madwaru u ra villaġġ mimli bruda u apatija, nies li kienu jħossuhom komdi jgħixu fid-dnub. Il-qassis beda ġlieda bla ħniena kontra l-ħażen ... bit-talb, bis-sawm u bil-penitenza. Kien twajjeb, ħanin u ġentili ħafna man-nies, u kien iqatta' sigħat twal fil-konfessjonarju. Imma ma kienx idur mal-lewża. Il-messaġġ kien ċar – Alla mimli ħniena u mħabba, mela ħobbu lil Ġesù u fittxu l-intimità miegħu, għax fih biss issibu l-paċi. Kien jippriedka l-verità, għax il-verità tfisser ħelsien. Ftit ftit, fir-raħal t'Ars saret bidla u kien hemm konverżjonijiet kbar. Kellu pjan pastorali l-Kurat t'Ars? Le! Kull ma kellu kien is-saċerdozju tiegħu, b'qalbu mixgħula b'imħabba tal-għaġeb lejn Ġesù. Kien ippreparat li jmut kuljum. Beda jsir Kristu ieħor. Kien jgħid: "Kemm hu miskin is-saċerdot mingħajr ħajja interna, mingħajr ħajja intima ma' Kristu."

Bħar-raħal t’Ars, ir-raħal ċkejken tagħna ta’ Burmarrad ukoll qiegħed jilqa’ lil Kappillan żagħżugħ: Patri Christian Borg li se jingħata l-pussess nhar is-17 ta’ Jannar 2016. Nirringrazzjaw lill-Mulej tiegħu, ngħinuh u nitolbu ħafna għalih biex ikun saċerdot u kappillan qaddis fuq il-mudell ta’ San Ġwann Marija Vianney.

Ma ninsewx ukoll l-Assemblea Parrokkjali fit-8 ta’ Jannar. Ejjew inħobbu aktar lill-parroċċa tagħna u nieħdu sehem fiha. Mhux sew li noqogħdu ngergru u nilmentaw bejnietna. Hu d-dmir ta’ kulħadd li jsemma’ leħnu hemmhekk.

Il-Kurat t’Ars kien kiteb hekk: “Wara Alla, is-saċerdot huwa kollox. Ħalli parroċċa mingħajr saċerdot għal numru ta’ snin, u jibdew jaduraw l-annimali.” Nhar it-18 ta’ Jannar Burmarrad jiċċelebra l-45 sena Parroċċa. Kemm għandna għal xiex inkunu grati lejn Alla li f’dawn is-snin qatt ma’ ħalliena nieqsa mis-saċerdoti u mill-Kappillani tiegħu!!



## Bidu tal-Ministeru Parrokkjali tal-Kappillan

Fid-9 ta' Ottubru li għadda l-Ministru Provinċjal P. Ġorġ Zammit ippreżenta lil P. Christian Anthony Borg bħala Gwardjan u Kappillan ta' Burmarrad. Wara li l-Kapitlu tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali approva din l-għażla, Mons. Arċisqof ħatar lil P. Christian Amministatur Parrokkjali b'effett mis-26 ta' Ottubru.

Minn nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar P. Christian sa jkun il-Kappillan tal-Parroċċa. Dakinhar, f'ċerimonja simbolika, l-Arċisqof jippreżentalu l-muftieħ tal-Knisja biex f'ismu jmexxi l-komunità nisranija u l-parroċċa ta' Burmarrad.

Tkun ħaġa sabiħa li dakinhar ninġabru lkoll flimkien biex irroddu ħajr lil Kristu r-ragħaj it-tajjeb tagħna li qatt ma jitlaqna weħidna. Fl-istess ħin nitolbu għal P. Christian biex imexxi l-parroċċa skont il-Qalb tal-Mulej.

### Programm tal-Bidu tal-Ministeru Parrokkjali tal-Kappillan
### 17 ta' Jannar 2016

| | |
|---|---|
| 5.30pm | Laqgħa mat-tfal u l-familji fiċ-Ċentru Sant'Antnin |
| 5.40pm | Korteo lejn il-Knisja Parrokkjali *(Jgħaddi minn Triq P. Wistin Magro, Triq San Pawl Milqi, Triq Burmarrad)* |
| 6.00pm | Il-Ministru Provinċjal jilqa' lill-Arċisqof |
| 6.15pm | Quddiesa Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta |
| 7.30pm | Riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali |

# *Paġna għat-Tfal*

Fiċ-ċelebrazzjoni speċjali li sa jkollna dan ix-xahar fil-Parroċċa tagħna l-isqof sa jieħu lill-kappillan f'postijiet importanti madwar il-Knisja li jfissru x-xogħol tiegħu bħala kappillan.

Fil-kompetizzjoni ta' dan ix-xahar għandek tqabbel l-istampa mal-isem u t-tifsira. Din il-paġna trid tasal għand il-kappillan sat-22 ta' Jannar.



Fil-*Konfessjonarju* inqerru d-dnubiet u nirċievu l-maħfra.



Fil-*Fonti tal-Magħmudija* nitgħammdu u nsiru membri tal-Familja t'Alla.



Il-*Qniepen* ifakkruna li Alla qiegħed isejjħilna biex niltaqgħu fil-Knisja u nitolbu flimkien.



Fit-*Tabernaklu* jinżammu l-Ostji kkonsagrati li huma l-Ġisem ta' Ġesù biex issir l-Adorazzjoni u jkunu jistgħu jitqarbnu l-morda fi djarhom.

## Grazzi … il-ħidma tkompli!

Wara t-talba għall-għajnuna għat-tisbiħ taċ-Ċentru Parrokkjali li saret fil-ħarġa li għaddiet ta' Leħen il-Parroċċa inġabret is-somma ta' €70. Għal din il-fażi tax-xogħol għad fadal spiża ta' madwar €450. Nitolbukom tkomplu tgħinu biex iċ-Ċentru jkun post attrezzat tajjeb għall-attivitajiet tal-Parroċċa, speċjalment għall-katekeżi tat-tfal u ż-żgħażagħ.



## Il-familja tagħna

Fis-26 ta' Diċembru Emily Spriveri, tfajla ta' 15-il sena li toqgħod fil-parroċċa tagħna, irċeviet is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof u tal-Ewwel Tqarbina. Nifirħulha għaliex issa hija membru adult tal-komunità nisranija.



## Kalendarju – Jannar 2016

**1** Solennità ta’ Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.

**2** Fis-6.15pm Quddiesa Solenni tal-Epifanija tal-Mulej. Wasla tal-Maġi

**8** Assemblea Parrokkjali li fiha tkun ipprogrammata l-ħajja tal-Parroċċa għas-sena li ġejja. Tibda fis-6.15pm bil-quddiesa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
(*Ara l-programm f’paġna 2*)

**9** Il-Magħmudija tal-Mulej. Quddiesa bil-magħmudijiet fis-6.15pm.

Fid-9pm issir l-Adorazzjoni għall-qdusija tas-Saċerdoti fil-Knisja.

**17** Bidu tal-ministeru parrokkjali tal-Kappillan. Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons Charles J. Scicluna fis-6.15pm.
(*Ara l-programm f’paġna 5*)

**29** Jibdew il-Kwaranturi. Jiem ta’ Adorazzjoni Ewkaristika. Fis-6.45am issir l-Espożizzjoni ta’ Ġesù Sagramentat, Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum. L-adorazzjoni tibqa’ sejra tul il-jum kollu u fis-6pm tingħata l-Barka. Fil-quddiesa jsir ħsieb dwar l-Ewkaristija.

**30** *L-istess bħall-ġurnata ta’ qabel.*

**31** Tifkira tan-Nawfraġju ta’ San Pawl – fid-9.30am issir Quddiesa Solenni fil-Kappella ta’ San Pawl Milqi. Wara l-Quddiesa ssir Purċissjoni bl-Ewkaristija sal-Knisja Parrokkjali fejn jibqa’ Ġesù Sagramentat espost sal-Quddiesa ta’ filgħaxija. (F’każ ta’ maltemp il-quddiesa ssir fil-Knisja).